**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Ottubru, 2018

Rikors Nru : 310/18 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (11/10/2003) (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A);

Illi l-partijiet sseparaw fit-tlieta u ghoxrin (23) ta'Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) permess ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Aquilina izda kienu ilu jghixu separatament mill-2013 kif gie iddikjarat fl-istess kuntratt klawsola numru hdax (11) u ghalhekk ilhom *de facto*

separati ghal aktar minn erba’ snin (kopja tal-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok B) ;

Illi m’hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar l-manteniment stante li l-ebda manteniment ma kellha tithallas;

Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabiliti mil-ligi biex jinghataw d-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Talbet f’dawn ic-cirkostanzi li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien indikat minn din l-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Lulju, 2018;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat, ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma ipprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Marzu, 2018 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.